**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 216/2020 RM**

**Gerald Camilleri**

**-Vs-**

**Christopher Camilleri u Stalagmite Connections Limited**

**Illum, 24 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Gerald Camilleri fir-Reġistru tal-Qorti fit-3 ta' Novembru 2020 fejn talab li l-konvenuti Christopher Camilleri u s-soċjeta' Stalagmite Connections Limited jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' disa' t'elef sitt mija u ħamsa u sebgħin Euro (€9,675) in via ta' refuzjoni ta' depoziti li tħallsu lilkom għal xogħol ta' installazjoni ta' lift li ma sarx kif miftiehem u spejjez inkorsi bħala rizultat ta' inadempjenza tagħkom.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Christopher Camilleri fid-29 ta' Diċembru 2020 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u dan stante li hu kompletament inveritier li x-xogħol ta' installazzjoni tal-lift in kwistjoni ma saritx skond kif kien miftihem;*

2. *Illi b'żieda mas-suespost, l-esponenti dejjem onora l-obbliġi kuntrattwali minnu assunti mal-attur;*

3. *Illi di fatti l-esponenti issuplixxa u installa l-parti mekkanika tal-lift mertu ta' dawn il-proċeduri lil attur kif kien miftiehem miegħu u dan sar skond is-sengħa u l-arti.*

4. *Illi għandu jiġi rilevat illi x-xogħol ta' installazzjoni elettrika tal-imsemmi lift ma setax jiġi finalizzat biss minħabba diversi nuqqasijiet loi huma unikament attribwibbli lil attur u bi vjolazzjoni tal-ftehim ta' bejniethom u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;*

5. *Illi b'żieda mal-eċċezzjoni sureferita jiġi rilevat illi l-ewsponenti kien fl-impossibilita' li jiffanlizza u jipproċedi għaċ-ċertifikazzjoni tal-imsemmi lift minħabba nuqqasijiet serji u gravi attribwibbli unikament lil attur u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;*

6. *Illi permezz ta' din l-ażżjoni l-attur qed jittenta jarrikkixxi ruħhu nġustament stante li l-lift de quo agitur ġie fil-fatt supplit u nstallat u kull ma kien jonqos hu li tiġi finalizzata l-installazzjoni elettrika ta' dan il-lift li ma saritx minħabba raġunijiet u tortijiet imputabbli lil attur. Għaldaqstant, għandu jirriżulta illi l-attur qed jinqeda u jieħu vantaġġ indebitu minn proċedimenti ġudizzjarji sabiex invanta pretensjonijiet ineżistenti u nfondati fil-liġi u b'hekk jivvessa lil esponenti;*

7. *Illi finalment, huwa l-attur li hu debitur tal-esponenti stante li jonqsu jitħallas bilanċ tax-xogħolijiet u materjali supplit lilu riġwardanti dan il-lift kif ukoll*

*ħlas ta' spejjeż addizzjonali inkorsi mil-esponenti minħabba li l-attur naqas milli jagħmel dawk il-preparamenti li kienu meħtieġa fil-fond tiegħu sabiex tkun tista' tiġi kompletata l-installazzjoni tal-lift odjern entro iż-żmien indikat mil-attur stess. Illi di piu' l-attur approprja ruħhu indebitament minn oġġetti proprjeta' tal-esponenti li kienu jinsabu fil-fond tal-attur waqt li kienu qed isiru l-imsemmija xogħolijiet. Illi għaldaqstant qed tiġi ntavolata l-kontro-talba relattiva;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permissibbli mil-liġi;*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ukoll il-kontro talba tal-konvenut Christopher Camilleri, ippreżentata kontestwalment, fejn ġie premess u mitlub:-

1. *Illi l-esponenti ġie ingaġġat mill-attur ikonvenzjonat sabiex jissupplixxi u jinstalla lift ġewwa blokka appartamenti li tinsab: Numru 98, bl-isem 'Sacred Heart' fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi;*

2. *Illi dan il-lift ġie supplit kif ukoll installat skond il-ftehim bejn l-esponenti u attur rikonvenzjonat;*

3. *Illi skond dan l-istess ftehim ta' bejniethom, l-attur rikonvenzjonat kellu jagħmel diversi preparamenti sabiex l-installazzjoni ta' dan il-lift tkun kompluta, liema preparamenti sabiex l-installazzjoni ta' dan il-lift tkun kompluta, liema preparamenti hu għażel li ma jwettaqx bir-riżultat li dan il-lift ma setgħax jinxtgħel u jiġi ċertifikat skont il-liġi;*

4. *Illi minkejja li l-esponenti rikonvenzjonant ossia Christopher Camilleri wettaq ix-xogħolijiet mifthema, l-attur rikonvenzjonat irrifjuta mingħajr ebda raġuni valida milli jħallsu l-bilanċ rimanenti għal dawn ix-xogħolijiet fl-ammont ta'*

*erba' t'elef tmien mija u disgħa u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (EUR 4,889.80);*

5. *Illi minħabba nuqqasijiet imputabbli lil attur rikonvenzjonat sabiex iwettaq il-preparamenti fil-blokka biex jippermettu li l-installazzjoni tal-lift tiġi esegwita fiż-żmien miftihem bejniethom, l-esponenti kellu jaħżen għal diversi xhur l-makkinarju tal-imsemmi lift, liema spejjeż għall-ħażna ammontaw għal sitt t'elef u ħames mitt euro (EUR 6,500) liema ammont huwa ukoll dovut mill-attur rikonvenzjonat lil esponenti;*

6. *Illi l-lift odjern ma nxtgħelx biss a kawża ta' nuqqasijiet u tortijiet imputabbli lil attur rikonvenzjonat;*

7. *Illi di piu' waqt li l-esponenti rikonvenzjonant kien qed jesegwixxi dawn ix-xogħolijiet fl-imsemmi fond ġewwa Ħal Qormi, l-attur rikonvenzjonat għamel approprjazzjoni indebita ta' oġġetti appartenenti lil esponenti rikonvenzjonant sabiex jagħmel ġwadann illeċitu. Illi l-valur ta' dawn l-oġġetti jammonta għas-somma ta' elf u ħames mitt euro (EUR 1,500);*

8. *Illi l-attur rikonvezjonat ġie diversi drabi interpellat sabiex jersaq għall-ħlas ta' dawn l-ammonti msemmija hawn fuq, iżda hu baqa' inadempjenti;*

9. *Illi għalhekk l-esponenti kellu jipproċedi b'din il-kontro-talba;*

*Jgħid għalhekk ir-rikonvenzjonat Gerald Camilleri, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, nkluż il-ħatra ta' periti nominandi, l'għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandiex għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija;*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikonvenzjonat Gerald Camilleri ħhu debitur tar-rikonvenzjonant Christopher Camilleri l-ammont ta' tnax-il elf, tmien mija u*

*disgħa u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (EUR 12,889.80), jew kull ammont ieħor verjuri;*

2. *Konsegwentement, tikkundanna lir-rikonvenzjonat Gerald Camilleri iħallas lir-rikonvenzjonant Christopher Camilleri is-somma ta' tnax-il elf, tmien mija u disgħa u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (EUR 12,889.80), jew kull ammont ieħor verjuri.*

*Bl-imgħaxx u bl-ispejjeż kollha nkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ippreżentat kontestwalment kontra r-rikonvenzjonat, li minn issa hu nġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta tal-attur rikonvenzjonat, Gerald Camilleri, għall-kontro talba tal-konvenut Christopher Camilleri, ippreżentata fil-5 ta' Jannar 2021, fejn eċċepixxa:-

1. *Illi t-talbiet tar-rikonvenzjonant huma ghal kollox nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

2. *Illi l-imsemmi rikonvenzjonant kien inadempjenti fil-inkarigu moghti lilu u abbanduna ghal kollox il-materjali mhallsin mill-esponent.*

3. *Il-materjali koncernati mill-installazzjoni tal-lift in kwistjoni thallsu internament mill-esponent u thallew fil-proprjeta' tal-esponent minn terza persuna, u cioe' s-socjeta' intimata Stalagmite Connections Limited.*

4. *L-esponent ma proprja ruhu minn l-ebda oggetti proprjeta' tar-rikonvenzjonant u certament l-imsemmi rikonvenzjonant ma rreka l-ebda spejjez ghad-dannu tieghu kkawzati mill-esponent.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra*
*Bl-ispejjes.*

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta Stalagmite Connections Limited ippreżentata fit-3 ta' Frar 2021 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi t-talba tal-attur għandha tiġi miċħuda stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi l-lift ma ġiex ordnat mingħand is-soċjeta' eċċipjenti iżda mingħand l-intimat l-ieħor Christopher Camilleri u kien l-istess Christopher Camilleri li kien ukoll esklużivament responsabbli għall-installazzjoni tal-istess lift u għaldaqstant għal tali ordni u insallazzjoni s-socjeta' eċċipjenti ma tistax tinżammi responsabbli, la kuntrattwalment u lanqas altrimenti;*

3. *Illi s-socjeta' eċċipjenti ma kienet bl-ebda mod inadempjenti u fil-fatt onorat pjenament il-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti tal-11 ta' Janar 2020 (kopja annessa u mmarkata Dok A);*

4. *Illi għaldaqstant is-soċjeta' eċċipjenti ma tistax tkun tenuta responsabbli la għal xi rifużjoni ta' flus u lanqas għall ebda danni jew allegata inadempjenza.*

*Bl-ispejjeż.*

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet, fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur qed jitlob ir-rifużjoni ta' ammont ta' flus li huwa ħallas lil terzi għal xogħol ta' istallazzjoni ta' lift kif ukoll il-ħlas ta' spejjeż inkorsi minnu, fis-somma komplessiva ta' €9,675 b'konsegwenza tan-nuqqas ta' adempjenza tal-obbligi kontrattwali tal-konvenuti[1].

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-attur kien ordna lift[2] mingħand il-konvenut Christopher Camilleri li da parti tiegħu kellu jordna dan il-lift kif ukoll jistallah fil-komun ta' blokk appartamenti proprjeta' tal-attur ġewwa 96, Mdina Road, Ħal Qormi, għall-prezz globali ta' €17,180 eskluż VAT. Il-partijiet iffirmaw ftehim ("Lift's Contract") fis-16 ta' Mejju 2019 fejn l-attur dakinhar ħallas depożitu lill-konvenut fis-somma ta' €5,154, kif miftiehem. Ġie maqbul ukoll illi l-lift jiġi konsenjat direttament fil-post tal-istallazzjoni bejn għaxra sa tnax-il ġimgħa mill-ordni (eskluż ix-xahar ta' Awwissu) u mal-ħlas tat-tieni pagament kif imsemmi fil-ftehim, filwaqt li l-lift kellu jiġi istallat mill-konvenut bejn ġimagħtejn u tliet ġimgħat mill-konsenja u mit-tlestija tax-xogħolijiet preparatorji da parti tal-klient, ċioe' l-attur. Dawn ix-xogħolijiet preparatorji ("*Client's Preparations*") kellhom jikkonsistu fis-segwenti:-

*3 phase power supply in machine room terminated white Rotary Isolator*
*2 ventilation openings at the headroom level*
*Telephone line white emergency backup in machine room for emergency line*

Ġie miftiehem speċifikatament ukoll illi f'każ li ma jkunx għad hemm provvista tad-dawl waqt l-istallazzjoni, jinkera *3-phase generator* għas-somma addizzjonali ta' €280

[1] Għalkemm it-talba fir-Rikors promotur ġiet imfassla bħala talba għar-rifużjoni ta' depozitu mħallas lill-konvenuti, meta xehed in kontro-eżami l-attur ippreċiża li t-talba tiegħu f'din il-kawza hi għall-ħlas tas-somma li huwa kellu jħallas lit-terz kuntrattur biex jistalla l-lift wara li l-konvenuti naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom skont kif miftiehem – xhieda tal-attur 14 ta' Marzu 2022.
[2] Ara lista ta' speċifikazzjonijiet – paġna 35 u 36 tal-atti tal-kawża.

sabiex l-istallazzjoni tista' ssir.  Il-bilanċ tal-prezz tal-lift kellu jitħallas mill-attur meta l-istallazzjoni tkun kompluta.

Dan il-ftehim ġie sorvolat in parti minn skrittura privata li ġiet sussegwentement konkluża bejn l-attur, il-konvenut Christopher Camilleri u s-soċjeta' konvenuta Stalagmites Connection Limited fil-11 ta' Jannar 2020.  Jirriżulta illi in segwitu għall-ftehim għall-ordni u konsenja tal-lift konkluż bejn l-attur u l-konvenut fis-16 ta' April Mejju 2019, il-lift ġie ordnat minn u f'isem Stalagmite Connections Limited li kienet ħallset hija stess il-prezz kollu tal-lift inkluz l-ispejjeż tat-trasport tal-lift u biex dan jinħatt f'Malta.  Il-lift wasal Malta f'Settembru 2019[3].

Parti mill-ammont imħallas mis-soċjeta' konvenuta għal dan il-lift ġie rifuż mill-attur li fil-11 ta' Jannar 2020 ħallasha s-somma ta' €10,180 kif jirriżulta mill-iskrittura privata ffirmata mill-partijiet kontendenti kollha (Dok. GC2), fejn ġie stipolat li dan il-pagament sar espressament "*sabiex jiġi rilaxxat il-lift u trasportat fuq il-post fejn jiġi indikat minn Gerald Camilleri*."  Da parti tiegħu il-konvenut Christopher Camilleri intrabat fuq din l-iskrittura privata li "*jibda jinstalla l-istess lift, u kull responsabbilita' hija a karigu ta' Chris Camilleri (C C Lifts)*".  Ġie riaffermat fuq din l-istss skrittura privata l-obbligu tal-attur li "*hekk kif ikun installat l-istess lift*", iħallas il-bilanċ fis-somma ta' €3,436, iżda ġie maqbul li dan il-pagament kellu jsir f'isem is-soċjeta' konvenuta Stalagmite Connection Limited għaliex, skont kif ġie dikjarat fuq l-iskrittura privata tal-11 ta' Jannar 2020, kienet din il-kumpannija li kienet ħallset il-pagament tal-lift kollu u spejjeż relatati mat-trasport tal-lift lejn Malta.

Jirriżulta illi l-lift u l-materjal kollu f'kaxxi ppakkjati ġie konsenjat ġewwa l-binja tal-attur hekk kif fil-11 ta' Jannar 2020, l-attur kien ħallas it-tieni pagament li kien dovut skont l-ewwel ftehim.  Jirriżulta wkoll illi l-provvista tad-dawl u ilma fil-partijiet

[3] Ara Affidavit tal-konvenut Christopher Camilleri, notice of arrival Dok. CC2 (paġna 98) u bill of lading Dok. CC3 (paġna 99).

komuni tal-blokk appartamenti tal-attur, ġiet istallata fis-27 ta' April 2020[4] u dan wara illi l-attur kien applika għal din il-provvista fl-10 ta' Marzu 2020 (Dok. GC3).

Mhux kontestat illi l-attur ma kienx ħallas l-aħħar pagament dovut skont il-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019 li kellu jitħallas kif jitlesta x-xogħol ta' istallazzjoni tal-lift, u l-attur jaqbel li l-bibien li kienu ordnati iżda ma kienux twaħħlu mill-konvenut, ġew ikkonsenjati lilu u jinsabu fil-pussess tiegħu.

Ikkunsidrat;

**L-attur, Gerald Camilleri,** xehed illi wara xi xahar mill-konsenja tal-lift, il-konvenut kien mar iwaħħal il-pompi tal-lift u xi bibien iżda mbagħad ma kompliex ix-xogħolijiet, ma reġgħex mar fuq il-post u l-lift ħallih hemmhekk għal diversi xhur. L-attur xehed illi l-konvenut kien ġablu diversi skużi għaliex ma setax ikompli l-istallazzjoni tal-lift, fosthom li kien ma jiflaħx u li l-bibien li kien ordna ma kienux tajbin tant li wara li ġew istallati, dawn kellhom jinqalgħu. L-attur qal ukoll li wara li kienu għaddew tlieta jew erba' xhur u l-konvenut ma ġiex ikompli bl-istallazzjoni tal-lift, kellu jqabbad kuntrattur ieħor biex ikompli l-istallazzjoni tal-lift għaliex kien marbut b'terminu għat-tlestija tal-partijiet komuni tal-blokk u l-istallazzjoni tal-lift wara li kien biegħ ta' diversi appartamenti fil-blokk lil terzi. Dan il-kuntrattur kien bidel il-bibien kollha tal-lift għaliex kienu tassew ħżiena, istalla l-lift u li ġie wkoll ċertifikat skont il-liġi u b'kollox l-attur kien ħallsu s-somma ta' €9,675 (Dok. GC4).

Rigward l-applikazzjoni għall-provvista tad-dawl fil-komun, l-attur qal li huwa kien issottometta l-applikazzjoni hekk kif il-konvenut kien qallu biex japplika, bħalma kien ħallsu t-tieni pagament meta l-konvenut kien qallu biex iħallsu. Innega li l-konvenut kien ilu diversi xhur jitolbu biex japplika għall-provvista tad-dawl.

**Il-verzjoni tal-konvenut, Christopher Camilleri**, hi li l-attur kien naqas milli jwettaq ix-xogħolijiet preparatorji li kien intrabat li jagħmel skont il-ftehim tas-16 ta'

[4] Xhieda ta' Reuben Bonniċi u Dok. RB1, 22 ta' Ġunju 2022.

Mejju 2019, tant illi meta l-lift wasal Malta f'Settembru 2020, il-lift shaft ma kienx għadu kostruwit kollu u kien impossibbli li jinbdew ix-xogħolijiet ta' istallazzjoni. Skont il-konvenut, l-attur ma kienx għadu lanqas applika għall-istallazzjoni tal-provvista ta' elettriku 3-phase u din ġiet istallata biss f'Lulju 2020. Qal illi minħabba f'hekk, ma setax jibda bix-xogħol ta' istallazzjoni qabel, anke għaliex l-attur kien qallu li m'huwiex dispost iħallas l-ispejjeż addizzjonali biex jinkera *generator* skont kif miftiehem fil-ftehim dwar l-ordni tal-lift.

Ikkunsidrat;

Kif rajna, fl-iskrittura privata tal-11 ta' Jannar 2020, iffirmata mill-partijiet kollha, il-konvenut Christopher Camilleri intrabat "*jibda jinstalla l-istess lift, u kull responsabbilita' hija a karigu ta' Chris Camilleri (C C Lifts)*". Għall-Qorti, din hi affermazzjoni inekwivoka li għalkemm il-lift ġie ordnat mis-soċjeta' konvenuta, din ġiet meħlusa minn kull obbligazzjoni għall-istallazzjoni tal-lift, liema obbligazzjoni jirriżulta li hija esklussivament u unikament tal-konvenut Christopher Camilleri kif del resto pattwit fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019. Fil-fatt, meta xehed in kontro-eżami, l-attur ikkonferma illi s-soċjeta' konvenuta Stalagmite Connections Limited ma kellha x'taqsam xejn mal-istallazzjoni tal-lift u fisser li l-involviment tagħha kien limitat għall-ġarr u konsenja tal-lift u l-parts anċillari fil-post fejn kellha ssir l-istallazzjoni[5]. Il-konvenut Christopher Camilleri wkoll xehed illi l-flus li kienet irċeviet il-kumpannija Stalagmite Connections Limited mingħand l-attur, tassew kienu dovuti lilha u b'dak il-flus hija kienet tħallset dak li kien dovut lilha in konnessjoni mal-lift.

Għaldaqstant, is-soċjeta' konvenuta Stalagmite Connections Limited ma għandhiex twieġeb għat-talba tal-attur għar-rifużjoni tal-ispejjeż li huwa nefaq biex il-lift jiġi istallat minn terzi, jekk kemm il-darba jirriżulta li hi ppruvata u mistħoqqa, għaliex din it-talba hija msejsa fuq il-kawżali li l-lift baqa' ma ġiex **istallat** skont kif miftiehem. Kif stabbilit, il-ftehim dwar l-obbligu tal-istallazzjoni tal-lift sar biss mal-konvenut u dan l-obbligu ġie riaffermat *in toto* fuq l-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2020.

[5] Xhieda tal-attur, 14 ta' Marzu 2022.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti trid tgħaddi issa biex tevalwa x-xhieda u l-provi proċesswali biex tiddeċiedi jekk it-talba tal-attur għar-rifużjoni tal-ispejjeż li allegatament intefqu minnu minħabba l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenut, hijiex mistħoqqa. Iżda preordinatament għal dan l-aċċertament, jeħtieġ li jiġi determinat jekk il-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali minnu assunti u jekk l-attur kienx ġustifikat li jħoll il-kuntratt tal-appalt billi jqabbad bi ħlas terzi kuntratturi biex ilestu l-appalt minflok il-konvenut Christopher Camilleri.

Tibda biex tosserva illi huwa prinċipju assodat illi l-l-partijiet f'kuntratt tal-appalt jistgħu jinħallu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom unilateralment mingħajr ebda obbligu li jagħtu raġunijiet wisq inqas raġunijiet validi għal dan: l-effetti tat-teminazzjoni tal-kuntratt ta' appalt jinsabu regolati mill-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Civili li jipprovdi illi min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diga` beda.

Il-Qorti tosserva illi din id-dispożizzjoni legali hija deroga għall-prinċipju fondamentali tal-liġi tal-kuntratti illi f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' unilateralment tiddeċiedi li tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti ohra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, il-liġi trid li min jagħti x-xogħol, cioe` l-appaltant, f'dan il-każ il-konvenut, jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, tant illi l-liġi tippermetti espressament li l-ħall jista' isir anke jekk ix-xogħol ikun inbeda diga`. B'żieda ma' dan, il-ligi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita` jew konferma mill-qorti. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment.

In propositu intqal hekk:-

*"Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, "tale diritto puo` essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo` essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento."*[10]

Illi madankollu, f'kaz bħal dan, hija relevanti ferm **ir-raġuni** għaliex il-kommittent tax-xogħol jagħmel għażla bhal din, u dan għaliex jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, ikun obbligat biss li jħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita` tagħhom, kif ukoll id-danni li jkun sofra l-istess kommittent. Iżda jekk, d'altronde, il-kommittent ma jkollux raguni tajba ghat-terminazzjoni tal-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma teċċedix l-ispejjeż kollha li jkun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra kif maħsub fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Civili:-

*"Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt."*

Għaldaqstant, jeħtieġ illi jiġi stabbilt jekk it-temm unilaterali tal-appalt da parti tal-attur saritx għal raġuni tajba għaliex kif rajna, l-eżistenza o meno ta' raġuni valida għat-terminazzjoni hija determinanti biex jiġi stabbilit id-drittijiet u obbligi rispettivi tal-partijiet in konnessjoni mal-ħlas tal-ispejjeż tal-appalt.

**Talba Prinċipali tal-Attur**

Fil-kaz in diżamina, l-appalt baqa' ma ġiex imwettaq mill-konvenut. Huwa jsostni li dan ġara għaliex kien hemm diversi xogħolijiet li l-attur ma kienx għadu lesta fis-sistema tad-dawl tal-binja tant illi sa Lulju 2020, il-post kien għadu mingħajr provvista ta' elettriku 3-phase u kien għad jonqos li jsiru affarijiet oħra fis-sistema elettrika tal-blokk. Jgħid ukoll li l-attur baqa' ma infurmahx li kien lesta l-affarijiet li kien jonqoshom isiru biex huwa jkompli jistalla l-lift, u fil-bidu ta' Novembru ra persuni oħrajn jaħdmu fuq il-lift fil-blokk tal-attur.

Fil-fehma tal-Qorti, il-verzjoni tal-konvenut m'hijiex verosimili. Ibda biex jingħad li l-konvenut kien marbut li jwettaq l-istallazzjoni bejn ġimagħtejn sa tliet ġimgħat wara l-konsenja. Il-konsenja saret f'Jannar 2020. L-attur xehed li l-konvenut beda jaħdem fuq l-istallazzjoni xi xahar wara l-konsenja iżda skont il-konvenut, għalkemm kien waħħal il-parti mekkanika tal-lift u għamel ukoll diversi xogħolijiet oħrajn, l-istallazzjoni ma setgħetx issir b'mod komplut għaliex kien għadu ma kienx hemm provvista ta' elettriku 3-phase fil-binja tal-attur. Huwa minnu li l-elettriku 3 phase ġiet istallata fil-binja tal-attur fis-27 ta' April 2020, iżda l-Qorti taqbel mal-attur li dan ma kellux ikun ta' impediment għaliex fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019 il-partijiet ipprovdew għal din l-eventwalita' billi ftiehmu li jinkera generator 3-phase bi spiża ta' €280, liema spiża l-Qorti fehmet li kellha tkun a kariku tal-attur. Dan sewwasew bil-ħsieb li l-istallazzjoni setgħet titkompla minkejja n-nuqqas ta' provvista tal-elettriku 3-phase u aktar minn hekk, biex il-konvenut ma jkunx moruż fl-obbligu tiegħu li jlesti l-istallazzjoni fi żmien ġimagħtejn jew tliet ġimgħat mill-konsenja. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' provvista elettrika 3-phase ma jiswix bħala raġuni tajba għad-dewmien fl-istallazzjoni tal-lift.

Iżda anke jekk għal mument, il-Qorti kellha temmen il-verżjoni tal-konvenut li huwa baqa' ma keriex dan il-generator għaliex l-attur ma riedx iħallas spejjeż żejda, huwa stabbilit mill-provi, senjatament mix-xhieda ta' Reuben Bonnici u Dok. GC3, illi l-provvista tal-elettriku 3 phase fil-blokka ġiet istallata fis-27 ta' April 2020 u mhux

f'Lulju 2020 kif allega l-konvenut. Il-konvenut baqa' ma spjegax għaliex l-istallazzjoni ma setgħetx issir jew titkompla wara s-27 ta' April 2020 u għalhekk il-Qorti temmen lill-attur illi effettivament il-lift baqa' ma ġiex istallat għaliex il-konvenut baqa' ma kompliex l-istallazzjoni, u mhux għaliex ma kienx hemm provvista ta' elettriku.

Il-konvenut baqa' ma ressaqx provi konvinċenti biex juri li kien hemm raġuni valida għan-nuqqas tiegħu li jkompli u jlesti l-istallazzjoni tal-lift wara li l-binja kellha provvista ta' elettriku 3-phase fis-27 ta' April 2020. Għalkemm qal li kien għad fadal xi xogħolijiet oħra xi jsiru fil-binja tal-attur qabel seta' jistalla l-lift, ix-xogħolijiet li skont hu kienu għadhom ma sarux, ma jiffigurawx fost dawk ix-xogħolijiet li l-attur kien obbligat iwettaq skont kif pattwit fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu qal li ma setax jixgħel il-lift għaliex kien għad hemm "*diversi affarijiet li kien għad jonqos li jiġu istallati fis-sistema elettrika tal-blokka*" u jsemmi espressament: "*... is-sistema tal-RVC (Rapid Voltage Change), is-sistema tal-4 Pole Breaker, isistema tas-Surge Arrest u s-sistema tal-Over and Thunder*", liema xogħolijiet madankollu **m'humiex kompriżi fil-lista tax-xogħolijiet preparatorji li l-attur kien obbligat ilesti qabel seta' jiġi istallat il-lift**[6]. Il-Qorti tqis illi kieku l-verżjoni tal-konvenut għandha mis-sewwa u ma setax dak iż-żmien jistalla l-lift għaliex kien hemm xi xogħolijiet fil-binja tal-attur li ma kienux lesti, anke dawk imsemmijin espressament fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019, l-istess konvenut ma kienx jintrabat bla riżerva fuq l-iskrittura privata tal-11 ta' Jannar 2020 li "*jibda jistalla l-istess lift*". Dan ifisser illi l-obbligu tal-istallazzjoni, billi baqa' invarjat u inkondizzjonat, kellu jitwettaq skont kif pattwit fil-ftehim oriġinali tas-16 ta' Mejju 2019, bejn ġimagħtejn u tliet ġimgħat mill-konsenja.

Ukoll, u f'kull każ, il-konvenut baqa' ma spjegax għaliex ma kompliex bl-istallazzjoni tal-lift wara li ġie istallat il-provvista tad-dawl f'Lulju 2020. Kif xehed huwa stess, kien **f'Novembru 2020** li huwa nnota li l-attur kien qabbad terzi kuntratturi biex

---

[6] Kemm hu hekk il-konvenut imkien ma asserixxa li xi wieħed jew iktar mix-xogħolijiet elenkati fis-sezzjoni '*Client's Preparations*' fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019 ma kienx għadu ġie eżegwit meta ġie biex jistalla l-lift.

jaħdmu minfloku fuq l-istallazzjoni tal-lift: għall-Qorti, il-fatt li l-istallazzjoni tal-lift ġiet kompluta minn terzi persuni mingħajr prova li l-attur wettaq xi xogħolijiet ulterjuri apparti l-istallazzjoni tal-elettriku 3-phase f'Lulju 2020, ifisser neċessarjament li dak li kien hemm bżonn isir mill-attur kien ġie mwettaq u konsegwentement, ma seta' kien hemm xejn li kien qed iżomm lill-konvenut milli jlesti x-xogħolijiet appaltati lilu wara li l-post ġie fornit bi provvista ta' elettriku u x-xogħolijiet elenkati fil-kuntratt (*preparatory works*) kienu twettqu.

Anke jekk għal mument kellha taċċetta li l-konvenut kien qed jistenna lill-attur ilesti xi xogħolijiet, kienet tistenna li l-konvenut ikompli bl-istallazzjoni kif appena dawk ix-xogħolijiet ikunu twettqu, u mhux li l-attur ifittex kuntratturi oħrajn **u jħallas spejjeż addizzjonali – li skont l-attur ilaħħqu somma qrib €10,000 - meta kull ma kien għad fadallu jħallas lill-konvenut skont il-ftehim, kien bilanċ ta' ċirka €4,000**. F'dan l-isfond, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-attur li huwa kien għamel ħafna żmien iċempel lill-attur biex jiġi jlesti l-lift iżda mingħajr suċċess, u li l-konvenut abbanduna x-xogħol, hija verosimili.

Għaldaqstant, fl-assjem ta' dan kollu, il-Qorti hi konvinta illi l-verżjoni tal-attur dwar in-nuqqas ta' adempjenza kuntrattwali tal-konvenut Christopher Camilleri, għandha mis-sewwa u sejra tagħtiha affidabbilita'. Dan ifisser mhux biss li l-konvenut naqas mingħajr raġuni valida jwettaq l-obbligu kontrattwali tiegħu għall-istallazzjoni kompluta tal-lift fiż-żmien pattwit, iżda wkoll illi l-attur kellu raġuni tajba biex jittermina l-appalt a tenur tal-artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili u jqabbad terzi kuntratturi biex ilestu l-appalt li ġie abbandunat mill-konvenut.

Dan skont l-insenjament fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius**, deċiża fid-9 ta' Gunju 2004, fejn intqal:

*"Skond id-duttrina u l-gurisprudenza prevalenti, il-kommittent li jrid jelimina d-difetti a spejjez tal-appaltatur tieghu ghandu qabel xejn jirrivolgi ruhu lil dan, u fl-event li*

*dan jibqa' passiv jew ma jintlahaqx qbil, il-kommittent jista' jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tad-difetti minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali tal-inadempiment u tal-konsegwenti kundanna tal-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika;*

*Il-premess hsieb dottrinali jsib riskontru fl-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna applikabbli ghal kaz fejn wiehed jonqos li jadempixxi obbligazzjoni di fare. Adempiment li jippresupponi wkoll li l-obbligazzjoni giet sewwa ezegwita, anke ghaliex, kif saput, "l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi mplicita." (Kollez. Vol. XL P I p 485);*

*L-artikolu taht kumment jipprovdi in effetti illi "fil-kaz li ma tigix ezegwita obbligazzjoni li biha wiehed intrabat li jaghmel xi haga, il-kreditur jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jezegwiha huwa nnifsu bi spejjez tad-debitur." Korrettement interpretat, "il-kreditur ta' obbligazzjoni 'di fare' ma hux obbligat f'kaz ta' inadempjenza tad-debitur, li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jezegwixxi huwa stess l-obbligazzjoni bi spejjez tad-debitur." (Kollez. Vol. XXXIV P III p 809);*

*Naturalment il-precitat dispost tal-ligi jrid jinqara unitament mal-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16, li hu generali u komprensiv ta' kwalsiasi obbligazzjoni: "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni." Danni dawn li fil-kaz partikolari jridu jkunu fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghall-eliminazzjoni tad-difetti*;"

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-attur kien ġustifikat iqabbad kuntratturi oħrajn, fiċ-ċirkostanzi, biex jitwettqu l-obbligu li l-konvenut naqas milli jeżegwixxi, huwa qed jippretendi r-rifużjoni tal-ammont li ħallas biex iqabbad kuntratturi oħrajn biex ilestu x-xogħol ta' istallazzjoni tal-lift. L-attur xehed illi huwa ħallas is-somma ta' €9,675 lil terz kuntrattur li ġie inkarigat minnu biex ilesti l-istallazzjoni tal-lift li ġie konsenjat mill-konvenut, u dan għaliex il-konvenut naqas milli jagħmel dan kif obbligat. Tassew ġiet

esebita kopja ta' invoice maħruġ minn Eleva Lifts fl-20 ta' Diċembru 2020 f'isem l-attur fis-somma ta' €9,675 dovuta fuq "*lift finalising at qormi*"[7]. Għalkemm dan l-invoice ma fihx deskrizzjoni tal-materjal supplit u x-xogħolijiet li ġew effettivament imwettqin, il-konvenut ma jidhrix li qed jikkontesta l-fatt fih innifsu li l-attur qabbad lil terzi biex ilestu l-istallazzjoni u l-fatt li l-lift ġie effettivament istallat, u lanqas ma jikkontesta li l-attur tassew ħallas is-somma pretiża jew il-*quantum* tal-ammont pretiż, ħlief għall-fatt illi huwa jinsisti li mhux minnu li l-bibien tal-lift li ġew istallati minnu ma kienux jaqblu u kellhom jinqalgħu. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu il-konvenut Christopher Camilleri ċaħad kategorikament li l-bibien ordnati minnu ma kienux jaqblu u li kellhom jinqalgħu u jiġu istallati bibien ġodda mill-kuntratturi li tqabbdu mill-attur. Madankollu, il-konvenut fit-talba rikonvenzjonali tiegħu talab li jitħallas il-prezz ta' bibien tal-lift li huwa kien ordna bi żball u li tħallew fil-proprjeta' tal-attur. Wara li fliet il-provi u x-xhieda l-Qorti tqis li m'hemm xejn li jeskludi li l-bibien li qed jagħmel referenza għalihom il-konvenut huma l-istess bibien li kienu ġew istallati minnu iżda ma kienux kompatibbli mal-lift konsenjat u għalhekk tqis illi l-verżjoni tal-attur illi kellhom jinxtraw u jiġu suppliti bibien ġodda għaliex dawk suppliti mill-konvenut kienu ordnati ħażin, hija ppruvata fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

Kollox magħdud, il-Qorti hi sodisfatta li t-talba tal-attur għar-rifużjoni tas-somma minnu pretiza in linea tal-prezz imħallas biex jitlesta x-xogħol appaltat lill-konvenut, minħabba l-inadempjenza tal-istess konvenut, hi mistħoqqa u għandha tiġi milqugħa.

**<u>Talbiet Rikonvenzjonali tal-Konvenut Christopher Camilleri</u>**

Illi kif ġie appena deċiż, jirriżulta li l-konvenut qatt ma lesta l-istallazzjoni tal-lift skont il-ftehim tant illi jekk din ġiet kompluta, ġiet kompluta minn terzi inkarigati mill-attur. Dan ifisser illi ma jista' qatt ikun dovut lill-konvenut Christopher Camilleri l-bilanċ pretiż minnu fit-talba rikonvenzjonali tiegħu meta skont il-ftehim, dan il-bilanċ kellu jitħallas mat-tlestija tal-istallazzjoni.

[7] Fuq dan id-dokument hemm miktub bl-idejn "*Pd in full*".

Barra dan il-fatt illi kif diġa' ġie stabbilit, l-attur bħala l-persuna li ta x-xogħol, kellu raġuni valida biex iħoll l-appalt wara li l-post kien ġie fornut bil-provvista ta' elettriku 3-phase fis-27 ta' April 2020 iżda minkejja dan, il-konvenut Christopher Camilleri baqa' ma lestiex l-istallazzjoni tal-lift u abbanduna l-lant tax-xogħol. Il-korollarju ta' dan hu li fiċ-ċirkostanzi l-appaltatur għand dritt għall-ħlas biss ta' "*somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*" Madankollu, il-konvenut ma ressaqx prova tal-valur tax-xogħol li huwa laħaq wettaq jew tal-ispejjeż li huwa wettaq biex juri illi dawn jeċċedu s-somma komplessiva li l-attur kien diġa' laħaq ħallas għall-appalt. Għalhekk in mankanza ta' provi it-talba tiegħu għall-ħlas tas-somma ta' €4,889 ma tista' qatt tiġi akkolta.

In fine, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi fuq l-iskrittura privata tal-11 ta' Jannar 2020, il-partijiet kollha ftiehmu illi "*l-bilanċ li jammonta għal tliet elef erba' mija u sitta u tletin Euro €3,436 Gerald Camilleri hu obbligat li jħallas is-somma kollha hekk kif ikun istallat l-istess lift. Dan il-pagament ikun irid jitħallas f'isem il-kumpannija Stalagmite Connections Limited sabiex ikun imħallas il-lift kollu.*" Minn dan isegwi illi kwalsiasi bilanċ li seta' kien dovut in konnessjoni mal-konsenja u istallazzjoni tal-lift, hu dovut lill-kumpannija konvenuta u mhux lill-konvenut Christopher Camilleri (iżda ma saret ebda talba fir-rigward mis-soċjeta' konvenuta).

Ikkunsidrat;

In kwantu għall-pretensjoni tal-konvenut li huwa dovut mingħand l-attur il-ħlas tas-somma ta' €6,500 in linea ta' spejjeż għall-magazzinaġġ tal-lift għaż-żmien kollu bejn il-wasla tal-lift Malta u d-data meta ġiet istallata s-sistema tal-elettriku 3 phase fil-komun tal-blokka tal-attur, din m'hijiex mistħoqqa. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li fl-invoice maħruġ mill-konvenut innifsu taħt l-isem tan-negozju tiegħu, C&C Services (Dok. CC4[8]), jingħad illi din is-somma ġiet maħduma bir-rata ta' €22 kuljum "*as mentioned in contract*", minn imkien ma jirriżulta li l-attur qatt intrabat fil-ftehim

[8] Paġna 104 tal-atti tal-kawża.

tas-16 ta' Mejju 2019 jew fl-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2020 – li huma l-uniċi żewġ konvenzjonijiet li nġiebet prova dwarhom fl-atti proċesswali - li jħallas xi kera għall-magazzinaġġ tal-lift, wisq inqas bir-rata ta' €22 kuljum. Huwa minnu li fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019 l-attur intrabat li jipprovdi "*safe delivery storage*" u fin-nuqqas ikun obbligat għall-ħlas ta' €280 in linea ta' spejjeż ta' *extra handling*, konsenja u magazzinaġġ u jirriżulta wkoll illi l-lift, li wasal Malta f'Settembru 2019, ma ġiex konsenjat direttament lill-attur minnufih skont kif kien pattwit fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019[9] u baqa' jinżamm fil-maħżen tas-soċjeta' konvenuta. Fil-fatt, Mario Grixti xehed illi l-lift dam xi xhur stivat fil-bitħa tal-kumpannija tiegħu u huwa kkonsenja l-lift lill-attur "*kif u meta qaluli nagħmel dan kemm Gerald u kif ukoll Chris Camilleri*". **Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, skatta l-obbligu tal-attur li jħallas lill-konvenut is-somma ta' €280 kif pattwit fl-ordni tas-16 ta' Mejju 2019, iżda xejn iktar minn hekk**.

Fil-fatt, ma nġiebet ebda prova li l-attur intrabat b'xi obbligu li jħallas kera għall-magazzinaġġ tal-lift bejn il-wasla tal-lift f'Malta u l-konsenja fil-post tal-istallazzjoni u aktar minn hekk, l-allegazzjoni tal-konvenut illi hu dovut ammont ulterjuri mingħand l-attur in linea ta' magazzinaġġ tal-lift għal disa' xhur sħaħ, baqgħet mhux ippruvata. Mill-ftehim iffirmat fil-11 ta' Jannar 2020 jirriżulta illi l-attur ħallas lis-soċjeta' konvenuta bl-aċċettazzjoni tal-konvenut, it-tieni pagament li kien dovut skont l-ewwel ftehim u l-attur afferma li l-lift ġie konsenjat fil-binja tiegħu minnufih wara. Dan ifisser li mhux minnu li l-lift kellu jiġi maħżun għal disa' xhur sħaħ meta dan wasal Malta f'Settembru 2020 u ġie konsenjat lill-attur f'Jannar 2020.

Magħdud dan il-fatt illi l-Qorti tistenna illi kieku tassew il-konvenut kellu jedd għall-ħlas ta' xi kera għall-magazzinaġġ tal-lift tal-attur wara li dan wasal Malta f'Settembru 2020 sakemm ġie konsenjat lill-attur, u jew kien qed jistenna li jiġi rifuż xi spejjeż li seta' ħallas lil terzi fir-rigward, din il-pretensjoni kellha tkun kompriża fil-ftehim li sar bejn il-partijiet kollha fil-11 ta' Jannar 2020 fejn ġew stipolati u riaffermati l-obbligi rispettivi tal-partijiet fir-rigward il-konsenja u istallazzjoni tal-lift,

[9] Dok. GC1 – paġna 33 tal-atti tal-kawża ("Delivery").

jew, fl-agħar ipotesi, kien isir xi aċċenn għal din il-pretensjoni fil-messaġġi li jidher li ntbagħtu mill-konvenut lill-attur f'Novembru 2019 b'talbiet biex jistalla dan il-lift (Dok. CC3). Il-Qorti ma tistax ma tosservax, in fine, illi meta xehed in kontro-eżami, il-konvenut stqarr li l-lift inżamm għal disa' xhur għand Mario Grixti, ċioe' d-direttur ta' Stalagmite Connections Limited, liema kumpannija madanakollu, ma talbet ebda ħlas talli l-lift ġiet maħżuna għandha sakemm ġiet konsenjata lill-attur u Mario Grixti mkien ma qal fix-xhieda tiegħu li l-konvenut kien ħallsu għall-magazzinaġġ ta' dan il-lift.

Għaldaqstant, it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut in kwantu għall-ħlas tas-somma ta' €6,500 mhijiex mistħoqqa u sejra tiġi miċħuda iżda sejra tintlaqa' biss in kwantu l-ħlas tas-somma ta' €280 kif pattwit fil-ftehim tas-16 ta' Mejju 2019 għaliex il-lift ma ġiex ikkonsenjat direttament fil-post fejn kien ġie istallat u l-attur, evidentement, ma pprovdiex *safe delivery storage* skont kif kien marbut li jagħmel skont il-ftehim;

Ikkunsidrat;

In kwantu għat-talba tal-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' €1,500 rappreżentanti l-prezz ta' xi bibien addizzjonali mhux relatati mal-lift tal-attur li kienu ġew konsenjati lill-attur flimkien mal-lift bi żball, il-Qorti tqis li din m'hijiex mistħoqqa. Il-konvenut xehed illi l-attur irrifjuta li jirritorna dawn il-bibien. Iżda l-Qorti tosserva illi għalkemm il-konsenja tal-lift saret f'Jannar 2020 ma jirriżultax li l-konvenut qatt talab lill-attur biex jirritornahom[10]. Inoltre, il-Qorti kienet tistenna li tirriskontra dokument dwar l-ordni ta' dawn il-bibien li juri mhux biss li l-valur tagħhom jikkombaċċja mal-prezz mitlub mill-konvenut iżda wkoll l-ispecifications tagħhom u dan biex jintwera illi tassew dawn ma jappartjenux lill-lift tal-attur iżda kienu ordnati għal terzi persuni u m'humiex effettivament parti mill-lift tal-attur li dwaru huwa kien diġa' ħallas is-somma totali ta' €15,334 f'żewġ pagamenti. Kif diġa' ġie stabbilit iktar qabel, ma hemm xejn fil-provi li tikkonvinċi lill-Qorti li dawn mhumiex l-istess bibien li l-

[10] L-invoice li skont il-konvenut jirrappreżenta l-prezz ta' dawn il-bibien, ma fihiex data.

konvenut waħħal fil-lift tal-attur iżda li eventwalment kellhom jinqalgħu mill-kuntratturi l-ġodda inkarigati minnu għaliex ma kienux kompatibbli mal-istess lift.

Il-Qorti ma għandha quddiemha ebda talba rikonvenzjonali biex l-attur rikonvenzjonat jiġi kundannat jagħti lura xi bibien lill-konvenut iżda għandha quddiemha biss talba għall-ħlas tal-valur tal-bibien u konsegwentement, tista' tiġġudika biss dwar it-talba li saritilha fir-Rikors promotur u xejn iktar minn dan.

Kollox magħdud, il-Qorti ma tqisx li l-konvenut seħħlu jipprova sal-grad meħtieġ, ċioe' fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet fuq il-preponderanza tal-provi, li huwa kien ikkonsenja bi żball lill-attur xi bibien intiżi għal terzi persuni u li dawn tħallew intatti fuq il-post tal-konsenja. Wisq inqas irnexxielu jipprova sodisfaċjentement il-valur ta' dawn il-bibien li jisħaq li kellhom jiġu ritornati lilu.

Għaldaqstant, salv għall-ammont ta' €280, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, billi ma ġewx ippruvati kif imiss, ma jistħoqqilhomx jiġu milqugħa u sejrin jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi kollha, tiddisponi mit-talba prinċipali tal-attur Gerald Camilleri billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha ta' Stalagmite Connections Limited fir-Risposta tagħha u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Christopher Camilleri safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba ta' Gerald Camilleri limitatament billi tikkundanna lill-konvenut Christopher Camilleri jħallsu s-somma ta' disat elef sitt mija u ħamsa u sebgħin Euro (€9,675) rappreżentanti somma mħallsa lil terzi għall-istallazzjoni ta' lift, bl-ispejjeż tat-talba prinċipali ikunu a kariku tal-istess konvenut Christopher Camilleri, ħlief dawk tas-socjeta' konvenuta Stalamite Connections Limited li huma a karigu tal-attur.**

**In kwantu għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut rikonvenzjonant Christopher Camilleri, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-attur rikonvenzjat, Gerald Camilleri, biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn**

**deċiż, tilqa' biss parzjalment l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur Gerald Camilleri huwa debitur tal-konvenut Christopher Camilleri fis-somma ta' mitejn u tmenin Euro (€280) u għall-fini tat-tieni talba, tikkundannah iħallsu l-istess somma ta' €280, bl-imgħax mid-data tal-invoice Dok. CC4, 8 ta' Lulju 2020.**

**L-ispejjez tal-kontro talba jiġu sopportati interament mill-konvenut rikonvenzjonant Christopher Camilleri.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**